MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 112/2011

Kawza fil-lista: 20

**A B C D**
**vs**
**E C, F G H,**
**J D kuratrici ad litem tal-minuri**
**I Gla C D,**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: li fit-23 ta' Novembru 2010 l-attrici weldet lit-tifla I Gla C D li fuq l-att tat-twelid taghha numru 591/2011 hija ndikata bhala bint il-konvenut E C; li meta twieldet il-minuri, l-attrici u l-konvenut E C kienu ilhom separati minn Novembru 2006 u minn dak iz-zmien qatt ma kellhom kuntatt bejniethom; li t-tifla twieldet minn relazzjoni li l-esponenti kellha mal-konvenut F G H, kif

jirrizulta mid-test tad-DNA, u li ghalhekk il-konvenut E C mhuwiex il-missier bijologiku tat-tarbija; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li t-tarbija li twieldet lill-esponenti nhar it-Tlieta, tlieta u ghoxrin (23) ta’ Novembru tas-sena elfejn u ghaxra (2010), bl-isem ta’ I Gla C D, m’ hijix il-wild tal-konvenut E C, izda l-wild naturali tal-konvenut l-iehor F G H;

2. Tordna ghalhekk lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-att tat-twelid ta’ l-imsemmija minuri tigi korrettament rispekkjata fl-istess att, u dan billi jigu mhassra u kkancellati mill-istess att ta’ twelid, il-konnotati kollha tal-konvenut E C u minflok jigu mnizzla l-konnotati tal-konvenut l-iehor F G H.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, li minn issa huma ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li fiha rrefera ghall-artikoli 77B u 81 tal-Kap.16;

Rat in-nota guramentata li biha l-konvenut F G H kkonferma li huwa jaqbel ma’ dak kollu li ppremettiet l-attrici fir-rikors guramentat;

Rat li l-konvenuti l-ohra ghazlu li jibqghu kontumaci;

Rat ir-rapport xjentifiku tad-DNA prezentat mill-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-Avviz fil-Gazzetta tal-Gvern u l-affidavits tal-partijiet;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifla I Gla C D li hi weldet fit-23 Novembru 2010 mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E C, izda hi l-wild bijologika tal-konvenut F G H.

**Il-Fatti**

Illi wara li l-attrici sseparat de facto minn ma’ zewgha, il-konvenut E C, f’ Novembru 2006, hija bdiet relazzjoni esklussiva fi Frar 2009 mal-konvenut F G H bir-rizultat li hija harget tqila minnu, u fit-23 Novembru 2010 weldet it-tifla I Gla.

L-attrici tikkonferma li, wara s-separazzjoni de facto, hija ma kellhiex relazzjonijiet intimi aktar ma’ zewgha, u li r-relazzjoni taghha mal-konvenut F G H kienet wahda esklussiva. Ghalhekk it-tifla I hija l-wild naturali ta’ dan il-konvenut.

Illi dan jinsab korroborat mir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li jikkonferma lil F H bhala l-missier naturali tat-tifla.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt fid-dritt, u ghalhekkk jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifla I Gla li twieldet fit-23 Novembru 2010 mhijiex il-wild naturali tal-konvenut E C, izda hija l-wild bijologika tal-konvenut F G H; tilqa’ t-tieni talba fit-termini taghha.

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attrici u tal-konvenut F G H konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------